MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Numru. 497/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Mark George Falzon

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Mark George Falzon ta’ 31 sena mwieled Pieta’ nhar il-14 ta’ Marzu, 1976 bin Paul u Maria nee’ Grech residenti Den Paul, Flat 2, Triq ix-Xnejn l-Abjad, Marsaskala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 168576(M) fejn huwa gie mressaq quddiemha akkuzat

talli nhar is-7 ta’ Gunju, 2007 ghall-habta ta’ 9.30a.m. gewwa Pjazza San Luqa Pieta’ (G’Mangia) kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Pieta attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kotnra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li  kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u cioe fuq il-persuna ta’ PC749 M. Pace u dan ai terminu tal-artikoli 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli l-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni ta’ l-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Pieta’ ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu orednati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li il-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita’ kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi meta hekk mitlub irrifjuta jew ta falz ismu, kunjomu, fejn joqghod u

partikolaritajiet ohra lill-istess ufficjali pubblici, emta kien mitlub u dan ai terminu tal-artikolu 338 (g) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi tlajja fi Pjazza San Luqa, Pieta' jew f'diametru ta' mitt metru madwar l-imsemmija pjazza minghajr raguni xierqa u dan ai terminu tal-bye Law tal-Kunsilli Lokali tal-Pieta' li saret in vigore f'Lulju, 2006 (Government Gazette of Malta No. 17,941-11.07.2006).

Il-Qorti kienet mitluba titratta ma' l-imputat bhala li huwa ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti Kriminali u tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru difinitivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Gunju, 2007 (Dok. MT 5) sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-8 ta' Gunju, 2007 *ai termini* ta' l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-istess imputat il-Qorti wara li rat l-Artikoli 92, 95, 96, 338(ee), 338(dd) u 342, 338(g) tikkundanna lill-imputat ghal xahar (1) prigunerija mill-liema zmien ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------